



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9638/24

DEVGEN 69
FIN 434
ACP 46
RELEX 625

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7799/24	
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2023 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2022 Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2023 dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2022, kif approvati mill-Kunsill fl-4021 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2023 dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2022

1. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jissaħħu s-sħubijiet internazzjonali tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest ġeopolitiku diffiċli attwali, ikkaratterizzat mill-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-instabbiltà akbar fil-Lvant Nofsani, is-Saħel u l-partijiet l-oħra tad-dinja, l-effetti ekonomiċi, soċjali, edukattivi u tas-saħħa estiżi tal-pandemija tal-COVID-19, u l-kriżi klimatika u tal-bijodiversità. L-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u l-istrategġija tal-Global Gateway huma għodod ewlenin għall-kooperazzjoni mas-sħab, it-tisħiħ tal-multilateraliżmu, ir-rispett tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem u l-avvanz tar-rwol ġeopolitiku u l-prijoritajiet politiċi tal-UE, permezz tal-approċċ ta' Tim Ewropa.
2. Il-Kunsill jinnota li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma kollettivament l-akbar sieħeb għall-iżvilupp u l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja, investitur dinji ewlieni u t-tieni l-akbar donatur umanitarju. L-UE u l-Istati Membri tagħha, f'approċċ ta' Tim Ewropa, ipprovdew b'mod kollettiv €92.1 biljun fl-2022, li jammontaw għal 42 % tal-għajnuna uffċjali għall-iżvilupp (ODA) dinjija. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar, l-indirizzar tal-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, l-indirizzar tal-inugwaljanzi, inkluż l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u l-istabbiltà — inkluż permezz tal-approċċ li jikkollega l-aspett umanitarju, ta' żvilupp u ta' paċi u permezz ta' azzjoni umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet u l-prinċipji u reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru — u billi jiġu promossi l-investment sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt. L-istrumenti esterni tal-UE huma kruċjali biex tiżdied il-koerenza bejn il-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp, l-affarijiet barranin, il-klima, il-kummerċ u s-sigurtà, kif ukoll biex tintwera t-tmexxija, ir-responsabbiltà u s-solidarjetà tal-UE fil-livell dinji. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha jafferma li l-koerenza politika għall-iżvilupp sostenibbli hija prinċipju importanti għall-kisba ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp aktar effettiva.
3. Il-Kunsill jilqa' r-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2022, li juri s-sħubijiet tal-UE u r-riżultati tagħhom. Dawn is-sħubijiet huma bbażati fuq-rieda politika miż-żewġ naħat, fuq il-prinċipju ta' multilateraliżmu effettiv, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, fuq il-promozzjoni tas-sostenibbiltà u fuq ir-rispett għad-drittijiet universali tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt.

4. Il-Kunsill japprezza l-fatt li r-rapport ikopri aspetti ewlenin tal-appoġġ finanzjarju tal-UE fl-2022 dwar sħubijiet internazzjonali u l-politika tal-iżvilupp, il-politika Ewropea tal-viceinat, l-assistenza umanitarja u l-protezzjoni ċivili, il-politika tat-tkabbir tal-UE, il-paċi, is-sigurtà u d-difiża, ir-rispons u t-tnejja għall-kriżijiet, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-appoġġ għall-oġettivi tal-politika barranija tal-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-isforz tar-rapport biex juri kif l-azzjoni esterna tal-UE, permezz tad-diversi strumenti tagħha, l-istrateġija Global Gateway u l-politika tat-tkabbir tal-UE, tikkontribwixxi għar-rwol ġeopolitiku, il-paċi u s-sigurtà u l-prijoritajiet politiċi tal-UE. Dan jinkludi iżda jmur ukoll lil hinn mill-ODA u jikkomplementaha.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-kontribut tar-rapport għal rappurtar dwar il-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha f'dan id-Deċennju ta' Azzjoni, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Konsensus Ewropew il-ġdid dwar l-Iżvilupp. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tar-rapport annwali għat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE, kif ukoll għar-riflessjoni u l-komunikazzjoni strateġiċi. Il-Kunsill jilqa' r-rapport bħala għodda ta' monitoraġġ utli għall-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE fil-konfront tal-oġettivi strateġiċi tal-UE, inkluż l-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway.
6. Il-Kunsill jilqa' l-enfasi qawwija fuq il-kapitolu ġeografiku, li jiddeskrivi kif l-azzjoni esterna tal-UE tikkontribwixxi għall-prijoritajiet ta' politika tal-UE f'kull reġjun li topera fih. Rigward il-kapitolu tematiku, il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari l-enfasi fuq l-iżvilupp tal-bniedem, inkluż is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-edukazzjoni u s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni kif ukoll l-impatti tat-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-bniedem tal-14 ta' Ġunju 2021.
7. Il-Kunsill jilqa' l-enfasi tar-rapport fuq l-appoġġ ewlieni pprovdut mill-UE lill-Ukrajna u lill-pajjiżi ġirien affettwati mill-gwerra kif ukoll l-isforzi biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi reġjonali u dinjija tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tenfasizza l-appoġġ tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi dinjija. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-isforzi tal-UE b'appoġġ għall-Ukrajna ma sarux għad-detriment tal-appoġġ għal pajjiżi sħab oħra, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi l-aktar vulnerabbli.

8. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġi adottat rispons integrat u koerenti tal-UE għal kriżijiet u kunflitti esterni, inkluż permezz tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE. Il-prevenzjoni tal-kunflitti permezz ta' analiżi f'waqtha u azzjoni bikrija, l-appoġġ għall-medjazzjoni u d-djalogu għall-paċi, il-bini tal-paċi u r-reżiljenza, u l-ħolqien ta' sħubijiet internazzjonali u reġjonali fil-qasam tal-paċi, is-sigurtà u d-difiża huma aspetti ewlenin f'dan ir-rigward. Il-flessibbiltà u r-rispons fl-istrateġiji tal-UE ser ikunu kruċjali biex jinżammu r-rilevanza u l-effettività f'ambjent internazzjonali dinamiku.
9. Il-Kunsill japprezza l-fatt li r-rapport jinkludi l-appoġġ tal-UE biex jingħelbu l-konsegwenzi fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19, it-tnejn internazzjonali għall-kriżijiet tas-saħħa, u l-impenji tal-UE rigward il-finanzjament relatat mal-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-finanzjament għall-klima jindirizza kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament u jilħaq lill-komunitajiet l-aktar vulnerabbli inkluż l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS). Il-Kunsill jilqa' wkoll l-attenzjoni li r-rapport jagħti lill-migrazzjoni u l-ispostament furzat. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar l-importanza tat-tfassil, il-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-UE li jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari u l-kawżi ewlenin tagħha u jindirizzaw l-ispostament furzat, f'approċċ ta' Tim Ewropa.
10. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-azzjoni esterna tal-UE taderixxi mal-prinċipji ta' kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp, anke biex tiġi żgurata l-kapaċità operazzjonali tal-istrumenti esterni tal-UE biex jintlaħqu b'mod effettiv il-miri u l-ambizzjonijiet stipulati fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom, abbażi tat-tmexxija politika u strateġika tal-Kunsill. Il-Kunsill japprezza t-titjib kontinwu tar-rappurtar mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE dwar ir-riżultati konkreti u l-impatt tal-interventi tal-UE, inkluż ir-riżultati u l-annessi finanzjarji. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi b'mod aktar prominenti analiżi tad-data u tar-riżultati dwar il-kontribut għall-miri tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) -Ewropa Globali fir-rapport li jmiss, kif ukoll dwar l-appoġġ għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali. Il-Kunsill iħeġġeġ l-użu ta' data diżaggregata skont is-sess kif adatt.

11. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi li saru biex jintlaħaq is-sehem ta' 32.4 % tal-impenji b'appoġġ għall-protezzjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, 13.6 % għal proġetti relatati mal-migrazzjoni, 9.2 % b'appoġġ għall-edukazzjoni, kif ukoll ix-xejra lejn sehem ta' 85 % tal-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar azzjonijiet li jirrispondu għat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità, sabiex jintlaħqu l-miri maqbula. Il-Kunsill jieħu nota tal-progress li sar lejn il-miri istituzzjonali u strateġiċi stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP) III "Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE", kif milqugħ permezz tal-konklużjonijiet tal-Presidenza u kif rifless fir-rapport annwali.
12. Il-Kunsill jilqa' r-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u l-kisbiet tal-approċċ ta' Tim Ewropa, inkluż l-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway u l-inizjattivi ta' Tim Ewropa. F'dan il-kuntest, il-Kunsill huwa impenjat li jsaħħaħ l-enfasi fuq ir-riżultati u l-inklużività, isaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà reċiproka, u jżid is-sjieda mis-sħab, biex jiġu promossi kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp u approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet, kif ukoll biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni kemm bħala riskju kif ukoll bħala ostaklu għall-iżvilupp. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-kondiviżjoni proattiva u f'waqtha tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni mill-qrib u inklużiva, il-koordinazzjoni, il-monitoraġġ finanzjarju u l-flessibbiltà mill-partijiet ikkonċernati kollha f'approċċ ta' Tim Ewropa huma essenzjali biex l-azzjonijiet konġunti jkollhom impatt sostenibbli u dejjiemi. Il-Kunsill jappella lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jeżerċitaw bis-sħiħ ir-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom f'Tim Ewropa fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-NDICI fil-pajjiżi sħab, billi jinvolvu mill-qrib lill-ambaxxati tal-Istati Membri fl-ispirtu ta' ħidma aħjar flimkien. Il-Kunsill jilqa' l-involviment kontinwu tas-settur privat, inkluż permezz tal-istrument tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+).
13. Il-Kunsill japprezza l-pubblikazzjoni f'waqtha tar-rapport f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali u jilqa' l-isforzi biex jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Il-Kunsill ifakkar li l-inklużività tal-azzjoni esterna tal-UE tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-fraġilità u l-inugwaljanzi, filwaqt li tappoġġa d-dinjità u l-iżvilupp tal-bniedem.

14. Il-Kunsill jilqa' l-approċċ il-ġdid għal komunikazzjoni strateġika fl-azzjoni esterna implimentat mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE. Il-Kunsill jappoġġa l-attivitajiet ta' komunikazzjoni strateġika kif ukoll it-tisħiħ ta' dawk l-attivitajiet biex jiġu miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza barranija, inkluż id-diżinformazzjoni. Il-komunikazzjoni strateġika, simultanjament fil-livell tal-Kwartieri Ġenerali u tad-Delegazzjonijiet tal-UE, ser iżżid l-impatt u l-viżibbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż permezz tal-inizjattivi ta' Tim Ewropa, l-istrateġija Global Gateway u azzjonijiet oħra implimentati f'approċċ ta' Tim Ewropa biex jiġu indirizzati l-isfidi dinjija. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE jkomplu jirfdu dawn l-isforzi b'data aġġornata dwar l-impatt. Il-Kunsill jilqa' l-organizzazzjoni ta' missjonijiet politiċi f'approċċ ta' Tim Ewropa biex jikkontribwixxu għall-viżibbiltà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bħala sieħeb kredibbli u affidabbli għall-iżvilupp.
